MALTA RESOURCES AUTHORITY

**MRA/PR 05/07**

***STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA***

*IL-FUEL SURCHARGE FUQ L-ELETTRIKU*

Kif tħabbar f'Novembru 2005 ir-reviżjoni tar-rata tal-*fuel surcharge* fuq il-konsum ta' l-elettriku pprovdut mill-Enemalta tinħadem fuq il-prezz li l-Enemalta tkun ħallset għall-aħħar kunsinnji tal-prodotti meta dawn jiġu importati minn barra l-pajjiż. Dan il-prezz jiddependi kemm mill-prezz taż-żejt fis-swieq internazzjonali kif ukoll mir-rata tal-kambju bejn id-Dollaru Amerikan u l-Lira Maltija.

Għax-xahar ta' Mejju 2007 il-Korporazzjoni Enemalta se żżomm is-*surcharge* bl-istess rata ta' Marzu u April, jiġifieri rata ta' 45%.

30 ta' April 2007